Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru:- 1099/2011AE

**Carmen Mizzi**

**Vs**

**Emanuel Manicaro u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2012 is-sigrieta Untours Insurance Agency Limited intervjeniet fil-kawza**

It-Tnejn, 23 ta' Novembru 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-9 ta' Novembru 2011, l-attrici ppremettiet u talbet:-

*Illi l-esponenti fid-29 ta' April 2010, ghal habta tas-sitta u hamsa u hamsin minuta ta' fil-ghaxija waqt li kienet qed taqsam it-Triq San Filippu f'Hal Ghaxaq, sfat imtajjra minn l-intimat. Dok. A;*

*Illi d'dan l-incident l-esponenti sofriet danni fizici li hallewa permanentament dizabilitata fil-mixi, kif jidher mic-certifikat mediku anness. Dok. B;*

*Illi dan l-incident sehh minhabba sewqan eccessiv, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolament tat-traffiku tal-intimat li tajjar lill-esponenti u kkawzala feriti u dizabilita' permanenti;*

*Illi minkejja li l-intimat gie nterpellat bonarjament diversi drabi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni dejjem baqa' inadempjenti.*

Ghaldaqstant, l-attrici titlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Issib lill-intimat li hu responsabbli ghall-incident li sehh fid-29 ta' April tal-2010, meta bil-vettura tieghu tajjar lill-esponenti;*
*2. issib lill-intimat responsabbli ghad-danni kkawzati lill-esponenti nkluz id-dizabilita' permanenti;*
*3. tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti f'dan l-incident u;*
*4. tikkundanna lill-intimat ghall-hlas ta' dawn id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez ta' dina l-procedura, inkluz l-ittri nterpellatorji tat-3 ta' Mejju 2011 u tal-10 ta' Ottubru 2011, u l-imghaxijiet skond il-ligi.*

Permezz ta' twegiba prezentata fl-4 ta' Jannar 2012, il-konvenut wiegeb li t-talbiet huma nfondati ghaliex l-incident ma kienx ikkawzat b'negligenza, traskuragni jew sewqan perikoluz tieghu.

B'digriet moghti waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2012, il-qorti laqghet it-talba ta' Untours Insurance Agency Ltd sabiex tintervjeni fil-kawza.

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fid-19 ta' April 2013, il-kumpannija intervenuta fil-kawza wiegbet:-

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghall-incident awtomobilistiku mertu ta' dan ir-rikors kienet unikament responsabbli r-rikorrenti stess;*

*2. Illi l-kaz jittratta debilita' permanenti sofferta mir-rikorrenti stess li ma haditx il-prekawzjonijiet kollha mehtiega skond il-ligi qabel ma qasmet it-triq de quo ossia Triq San Filippu Ghaxaq.*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti.

1. Il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta' April 2010 gewwa Triq San Filippu, Hal Ghaxaq. Dakinhar il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura ROS 075, filwaqt li l-attrici kienet miexja.

2. L-attrici xehedet:

   *"Niftakar li kont hrigt mill-bieb ta' barra tieghi biex immur il-quddies ta' filghaxija u kien ghal habta tas-7.00 p.m, meta wara li rajt li ma kienx gej traffiku qsamt it-triq ftit 'l isfel mill-bieb tieghi. Kont kwazi qsamt meta wasalt hdejn karozza pparkjata u sfajt mtajra mill-intimat. Gie minn warajja u laqatni"* (fol. 35).

   Min-naha l-ohra l-konvenut xehed:

   *"Niftakar li Carmen Mizzi hargitli minn wara karozza li kienet ipparkjata. Jiena l-ewwel darba li rajtha lil Carmen kienet diga' ma' gemb il-vettura tieghi. Tant hu hekk li idejha intlaqtet mal-mera tal-karozza tieghi"* (fol. 113).

   Dakinhar tal-incident il-konvenut ta verzjoni simili lill-pulizija ghalkemm ma semmiex li mal-karozza tieghu laqtet idejha (fol. 4). Meta rega' xehed fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2015, qal:

   *"Jien kont ghaddej bil-vettura tieghi minn Triq San Filippu, Hal Ghaxaq. Kienet l-attrici li baqghet diehla fil-mera n-naha tax-xufier. Kienet l-attrici li marret biex taqsam minn wara l-karozza u baqghet diehla fil-karozza tieghi"* (fol. 119).

3. Wara li l-qorti semghet il-provi u rat l-atti, tqies li l-verzjoni tal-attrici hi iktar kredibbli meqjus:

i. L-attrici xehedet li kienet harget mid-dar biex tmur tisma' l-quddies. Il-qorti fehemet li biex tmur il-knisja ta' Hal Ghaxaq kellha taqsam it-triq. Kif jidher mis-*site plan* a fol. 66, il-knisja qeghda fid-direzzjoni minn fejn qasmet.

ii. M'hemmx provi li l-attrici sofriet xi danni f'idha. Il-konvenut qal li l-attrici kienet qeghda taqsam u baqghet diehla fis-*side mirror* tal-vettura tieghu.
iii. L-attrici kisret it-tibia u fibula ta' saqajha l-leminija. Griehi li iktar jindikaw li l-attrici kienet fil-fatt qasmet mix-xellug mid-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-vettura tal-konvenut. Dan meta tqies li skond il-verzjoni li tat l-attrici, sieqha l-leminija kienet l-ewwel sieq mid-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-vettura tal-konvenut.
iv. Mary Borg, oht l-attrici xehedet: *"Dan beda jghid[1] x'ghamiltilha, x'ghamiltilha. Ghidtlu mhux accident ?"* (fol. 94).

Ghalkemm jidher li fil-proceduri kriminali li kienu ttiehdu kontra l-konvenut fir-rigward tal-incident meritu tal-kawza (fol. 126)[2] kien gie liberat, kull ma jinghad fis-sentenza hi li l-verzjoni tieghu hi l-iktar wahda kredibbli. Pero' m'hemmx spjegazzjoni ta' wassal lill-qorti biex tikkonkludi hekk. Il-proceduri kriminali huma ndipendenti minn dawk civili u din il-qorti trid tiddeciedi fuq il-provi li tressqu quddiemha.

4. Fir-rigward tad-danni, jirrizulta li:-

   i. L-attrici twieldet fid-29 ta' Dicembru 1952. Ghalhekk fid-data tal-incident kellha 58 sena.
   ii. L-attrici xehedet[3] li kellha dhul ta' €400 fix-xahar[4], pensjoni li kienet tircievi minghand il-Gvern.
   iii. Skond il-perit mediku l-attrici qeghda tbati minn debilita ta' 5%[5].

   Ghalkemm id-debilita permanenti ma waslitx sabiex l-attrici jkollha telf ta' qliegh, xorta ghandha jedd li tigi kkumpensata ghal griehi[6]. F'dan il-kuntest il-qorti qeghda tillikwida:

   €4,800 x 5 snin[7] = €24,000 x 5% = **€1,200**[8].

---

[1] Qeghda tirreferi ghall-konvenut.
[2] Il-konvenut gie akkuzat li *"b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Karmena Mizzi….".*
[3] Fol. 95.
[4] Ghalkemm l-attrici ghamlet il-kalkoli fuq qliegh ta' €166.26 fil-gimgha, m'hemmx prova li kellha dak it-tip ta' qliegh fiz-zmien meta sehh l-incident.
[5] Rapport fol. 51-54.
[6] Ghalkemm l-attrici qalet li: *"Id-dizabilta li spiccat biha se timpediha milli tkun tista' taghmel dawk il-facendi kollha li kienet taghmel qabel l-incident"* (ara l-ahhar faccata ta' nota ta' sottomissjonijiet), m'hemmx prova ta' dan. Dan apparti li mill-provi pjuttost il-qorti fehemet li l-attrici kompliet bil-hajja ta' kuljum (ara per ezempju deposizzjoni ta' Daniela Manicaro, fol. 117).
[7] Illum il-gurnata l-attrici ghandha 63 sena.
[8] Mhux ser isir tnaqqis ta' *lump sum payment* gialdarba l-kalkoli qeghdin isiru fuq perjodu ta' hames snin.

Hemm ukoll spejjez relatati ma' kura, medicina li kellha tixtri, spejjez ghar-rapport tal-pulizija, u spejjez legali li ghamlet qabel bdew il-proceduri, fl-ammont ta' **€486[9].**

L-attrici tippretendi wkoll:-

i. Is-somma ta' €1,610 li qalet li halset lill-ohtha[10] ghal ghajnuna li tatha. Fatt li ma giex konfermat minn Mary Borg li xehedet: *"Nahseb li minn din bhala qliegh ghamilt bejn 600 u 700 Ewro"* (fol. 94). Ix-xhud iddikjarat li qatt ma ppretendiet hlas u ohtha tatha l-flus minn jeddha. Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li dan kien att gratuwitu lill-ohtha u l-attrici m'ghandhiex jedd tippretendi l-hlas minghand il-konvenut.
ii. Is-somma ta' €330 li hallset lil Bruno Farrugia li kien iwassalha ghand l-avukat u ghal visti ghand it-tabib. Ix-xhud qal li b'kollox hallsitu xi **€60** (fol. 88). Ammont li l-qorti ser takkorda meqjus li kien barrani u ghen lill-attrici minhabba d-diffikulta' li kellha matul iz-zmien wara l-incident.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjonijiet u tilqa' t-talbiet tal-attrici u:-**

1. **tillikwida d-danni fis-somma ta' elf seba' mija u sitta u erbghin ewro (€1,746).**
2. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf seba' mija u sitta u erbghin ewro (€1,746), bl-imghax mil-lum.**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 80% a karigu tal-konvenut u 20% a karigu tal-attrici[11].**

Anthony Ellul.

---

[9] L-attrici pprezentat ricevuta ta' €63 ghal xiri li sar minn J. Brownrigg Boutique. Gialadarba ma spjegatx x'ghandu x'jaqsam mal-griehi li sofriet, dan l-ammont m'hux ser jigi nkluz mad-danni.
[10] Affidavit (fol. 36).
[11] L-attrici ghandha taghmel tajjeb ghal parti mill-ispejjez ghaliex kienet qeghda tippretendi ammont ikbar minn dak li llikwidat il-qorti u din il-kawza setghet giet proposta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) meqjus ukoll il-hlas li kienet qeghda tippretendi. Dan wassal ghal iktar spejjez gudizzjarji bla bzonn.